**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Distrett – Mosta**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 16 ta' Mejju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**

**-vs-**

**Pawlina Cutajar, detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru 83694M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Pawlina Cutajar u cioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer u/jew ġewwa l-lokali bl-isem Massage4U, Vjal l-Indipendenza, Mosta, matul il-perjodu ta' bejn it-8 ta' Frar, 2018, u s-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Xjentement għexhet għal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra.

2. Fl-istess data, lok u ċirkostanzi kellha ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalliet jew ippermettiet li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.

F'każ ta' kundanna għal reat taħt din l-Ordinaza, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex jogħġobha tħassar kull liċenzja li għandha il-ħatja dwar xi lukanda, alloġġ, ħanut jew fond ieħor skont l-Artikolu 14 tal-Kapitlu 63 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' htija barra li tinfliġġi l-pieni stabbilita mill-Liġi, jogħġobha tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, ai termini tal Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar, 2018, mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat-
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali taghha li turi li fl-passat l-imputata ma zammietx ma ordni ta' probation moghtija lilha, tal-ammissjoni bikrija taghha, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Fid-dawl tax-xhieda tal-espert Psikjatra Dr. Joe Cassar ma jirrizulta xejn li b'xi mod jimpedixxi lil din il-Qorti milli tqis ghal kollox valida l-ammissjoni tal-imputata hekk kif moghtija w kkonfermata mill-imputata nhar id-9 ta' Frar, 2018, fil-presenza u bl-assistenza tal-abbli legali taghha. Id-dikjarazzjonijiet taghha lill-espert mahtur mill-Qorti altru` li juru li l-imputata kienet konsapevoli mill-konsegwenzi tal-akkuzi li kienet qed tiffacja tant li *"bdejt nibza li ha mmur il-habs"*. Il-Qorti, li ezaminat ir-registrazzjoni tal-interrogatorju tal-imputata, ma sabet xejn li seta' jissostanzja dak li jikkontjeni c-certifikat allegatament mahrug minn Dr. Mark Xuereb[1] (li jibqa' ghal kollox inammissibli bhala prova tenut kont li baqa' ma giex awtentikat mix-xhud), u fejn jinghad li l-imputata ma qisietx l-implikazzjonijiet tat-twegibiet taghha tul l-istqarrija rrilaxxata minnha. Ghall-kuntrarju ta' dak li kkonstata Dr Xuereb, ezami tal-istess interrogatorju juri li l-imputata baqghet siekta meta mistoqsija mill-ufficjal investigattiv dwar l-akkuzi li giet addebitata bihom; manifestazzjoni cjara w inekwivoka li l-imputata konsapevolment ezercitat id-dritt taghha ghas-silenzju![2]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikoli 7(1) u 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, u tikkundannaha ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal sentejn millum.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 14 tal-istess Ordinanza, tordna li ghandha titħassar kull liċenza li ghandha l-hatja dwar xi lukanda, alloġġ, ħanut jew fond ieħor fejn jew fil-limiti ta' liema sar ir-reat.

Ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe` tal-flejjes esebiti.[3]

Il-Qorti giet prekluza milli tapplika l-provvediment tal-artikolu 23B(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-ammont tar-rikavat provvenjenti mir-reati li dwarhom qed tinstab htija.

---

[1] Fol.16
[2] Vide CD a. fol.7
[3] Dok. **JS**

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' €297.50 rapprezentanti spejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**